

Brussell, 30 ta' Jannar 2026  
(OR. en)

5835/26

COHOM 27  
CONUN 14  
COPS 70  
COASI 26  
COAFR 29  
CFSP/PESC 147  
DEVGEN 16  
MAMA 25

#### **EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

---

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2026

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2026, approvati mill-Kunsill fl-4151 laqgħa tiegħu li saret fid-29 ta' Jannar 2026.

**KONKLUŻJONIJIET DWAR IL-PRIJORITAJIET TAL-UE FIL-FORA TAN-NU DWAR  
ID-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM FL-2026**

1. **Id-drittijiet tal-bniedem** huma universali, indiviżibbli, interdipendenti u interrelatati, kemm jekk ikunu ċivili, kulturali, ekonomiċi, politiċi jew soċjali. Dawn huma essenzjali għad-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza, id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-paċi u l-iżvilupp sostenibbli. Il-paċi u l-prosperità, il-libertà u s-sigurtà, kif ukoll il-kisba tal-SDGs u l-Aġenda 2030 jimxu id f'id mar-rispett għall-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem kollha. Id-dritt internazzjonali huwa l-pedament tal-paċi, il-ġustizzja, il-kummerċ ħieles u s-soluzzjoni tat-tilwim.
2. L-Unjoni Ewropea tafferma mill-ġdid l-impenn sod tagħha għar-**rispett, il-protezzjoni u l-applikazzjoni universali tad-drittijiet tal-bniedem** għal kulħadd u kullimkien. L-UE ser tibqa' soda fid-difiża tal-universalità tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt. Il-promozzjoni u l-protezzjoni attivi ta' dawn in-normi universali, inkluż fl-azzjoni esterna tagħna, huma fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u ċ-ċittadini tagħha. L-UE ser tkun reattiva fl-approċċ tagħha bbażat fuq il-prinċipji għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija u l-istat tad-dritt b'mod effettiv f'dinja li qed tinbidel malajr.
3. Bħala Unjoni mibnija fuq il-koooperazzjoni internazzjonali u r-responsabbiltà kondiviża, l-attakk wiesa' attwali kontra l-**ordni internazzjonali** bbażata fuq ir-regoli, id-drittijiet tal-bniedem, in-normi maqbula internazzjonalment, u l-istituzzjonijiet li stabbilixxejna biex ninfurzawhom imur kontra l-interessi strateġiċi tal-UE. Regoli maqbula b'mod komuni u **istituzzjonijiet multilaterali** effettivi u inklużivi, bin-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tagħhom, huma l-aħjar mezzi biex jiġu żgurati l-paċi, is-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem, il-prosperità u l-iżvilupp sostenibbli għal kulħadd. L-UE ser tkompli tiegħu pożizzjoni b'saħħitha u taġixxi bħala mexxejja fiż-żamma u l-promozzjoni tal-osservanza tad-dritt internazzjonali u d-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li tibni fuq l-unità tagħha biex trawwem sħubijiet transreġjonali li jsaħħu n-normi dinjija u l-paċi. Ser nużaw kull opportunità fil-fora multilaterali biex niġġieldu l-push-back kontra d-drittijiet tal-bniedem.

4. L-UE ser tkompli **tikkoopera mar-reġjuni kollha tad-dinja** u ssaħħaħ is-sħubijiet ma' pajjiżi fir-reġjuni kollha. Għadu partikolarment importanti li l-kooperazzjoni fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem tiġi approfondita u mwessa', inkluż lil hinn minn sħab tradizzjonali tal-istess fehma, u li taġixxi bħala medjatur. L-UE ser tibqa' sieħba prevedibbli u affidabbli għal pajjiżi madwar id-dinja.
5. L-UE ser tkompli tappella lill-Istati kollha biex jikkooperaw bis-sħiħ u jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv mas-**sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU**. F'dan l-20 anniversarju tal-**Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU**, huwa vitali li jiġi affermat mill-ġdid ir-rwol tiegħu bħala forum ewlieni għad-djalogu, il-kooperazzjoni u l-azzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem u li tissaħħaħ il-pożizzjoni tiegħu u s-sinerġiji tiegħu mal-ħidma ta' korpi oħra tan-NU, b'mod partikolari t-Tielet Kumitat tal-AĠNU.
6. **Sistema robusta u effettiva tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU** tirrikjedi li l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem ikun jista' jopera b'mod indipendenti u b'riżorsi suffiċjenti. L-UE ser tkompli tappella lill-Istati kollha biex jagħtu lin-NU u l-mekkaniżmi tagħha ta' monitoraġġ tad-Drittijiet tal-Bniedem aċċess mingħajr kundizzjonijiet u mingħajr xkiel għat-territorji tagħhom, jestendu stedinet permanenti għall-Proċeduri Speċjali tan-NU u mekkaniżmi oħra tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u jiffaċilitaw iż-żjarat tal-pajjiżi tagħhom. L-UE ser tafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tagħha għall-**Eżami Perjodiku Universali**, pedament tas-sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU, u ser tappella lill-Istati kollha biex ikomplu jipparteċipaw fih. L-UE tissottolinja r-rwol essenzjali, l-indipendenza u l-integrità tad-detenturi tal-mandat tal-Proċeduri Speċjali tan-NU.
7. **It-tliet pilastri kollha tan-NU** huma ugwalment importanti u jsaħħu lil xulxin peress li huma l-bażi li fuqha hija mibnija s-sistema tan-NU. In-NU għandha rwol vitali fl-istabbiliment tan-normi, filwaqt li l-korpi u l-entitajiet kollha tan-NU għandhom jintegraw perspettiva tad-drittijiet tal-bniedem fl-attivitajiet tagħhom. L-**Inizjattiva UN80** hija opportunità biex in-NU tissaħħaħ u ssir adatta biex tagħti riżultati fit-tliet pilastri kollha tagħha, peress li l-impatt huwa partikolarment importanti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tibqa' vigilant biex il-proċess ta' riforma tal-UN80 ma jaffettwax b'mod sproporzjonat il-pilastru tad-drittijiet tal-bniedem, u ser iżżomm attenzjoni partikolari għall-**finanzjament** adegwat, prevedibbli, miżjud u sostenibbli tiegħu, konxja li diġà huwa strutturalment sottofinanzjat, u affettwat b'mod partikolari mill-kriżi tal-likwidità. L-UE ser tkompli tappella lill-Istati kollha biex jissodisfaw l-impenji finanzjarji tagħhom, u biex iħallsu dak li hu dovut minnhom bis-sħiħ u fil-ħin.

8. L-isforzi kontinwi ta' **razzjonalizzazzjoni u effiċjenza** fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u t-Tielet Kumitat tal-AĠNU jippreżentaw opportunità biex jissaħħu l-fokus, l-effettività u l-impatt ta' dawn il-fora u l-mandati li joħolqu, kif ukoll biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u t-Tielet Kumitat sabiex jitnaqqas it-trikkib u jiġu evitati d-duplikazzjonijiet. L-UE tappella lill-Istati kollha biex jingħaqdu ma' dawn l-isforzi fi spirtu ta' kollaborazzjoni sinċiera u bil-ħsieb li jiġu rrispettati l-funzjonijiet ewlenin tagħhom.
9. Sabiex jiġu rrispettati, protetti u ssodisfati d-drittijiet tal-bniedem u biex jiġu żgurati paċi u sigurtà sostenibbli, l-isforzi jridu jkomplu biex **tintemm l-impunità u tiġi żgurata r-responsabbiltà** għall-ksur u l-abbużi kollha tad-dritt internazzjonali, inkluż **id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali** kull fejn iseħħu. Ir-responsabbiltà hija kruċjali għar-riżoluzzjoni sostenibbli tal-kunflitti. Flimkien mas-šhab madwar id-dinja, l-UE ser tkompli tappoġġa l-proċeduri speċjali tan-NU, id-detenturi ta' mandati u investigazzjonijiet indipendenti oħra dwar il-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u l-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali, inkluż dawk li jistgħu jitqiesu bħala delitti internazzjonali.
10. L-UE ser tafferma mill-ġdid l-appoġġ sod tagħha għas-sistema tal-ġustizzja kriminali internazzjonali, partikolarment il-**Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI)**, kif ukoll l-impenn tagħha li tirrispetta l-Istatut ta' Ruma u tippreserva l-indipendenza u l-integrità tal-QKI. L-UE tfakkar li d-delitti skont l-Istatut ta' Ruma, li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-benesseri tad-dinja, għandhom jiġu kkastigati. Sabiex il-QKI tkun tista' twettaq il-mandat tagħha, l-Istati Parti għandhom, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Istatut ta' Ruma, jikkooperaw bis-ših mal-Qorti fl-investigazzjoni, u l-prosekuzzjoni tagħha ta' delitti fil-ġuriżdizzjoni tal-Qorti. L-UE għandha politika twila u robusta ta' appoġġ għall-QKI. L-UE tinkoraġġixxi d-djalogu bejn l-Istati Parti u l-Istati Mhux Parti, b'rispett šiħ għad-dritt internazzjonali u l-Istatut ta' Ruma, biex jiġi żgurat li l-Qorti tkompli tkun istituzzjoni ġudizzjarja effettiva u indipendenti. L-UE ser tkompli tikkundanna attacchi jew theddid kontra l-Qorti, uffiċjali eletti, persunal u dawk li jikkooperaw mal-Qorti. L-UE ser tipprovdi wkoll l-appoġġ u l-kontribut šiħ tagħha bl-għan li tiżgura l-protezzjoni tal-Qorti u l-persunal tagħha kontra pressjonijiet jew theddid esterni, sabiex il-Qorti tkun tista' tkompli tiffunzjona taħt kwalunkwe ċirkostanza.

11. **Spazju ċiviku** b'saħħtu u vibranti huwa kruċjali għad-demokrazija, għad-drittijiet tal-bniedem, u biex il-gvernijiet jinżammu responsabbli. Minbarra żieda fir-restrizzjonijiet ta' finanzjament, hemm żieda allarmanti fil-fastidju, it-theddid u l-attakki kontra organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż ir-repressjoni tranżnazzjonali, kif ukoll leġiżlazzjoni dejjem aktar restrittiva f'ħafna pajjiżi. L-UE ser tkompli tappoġġa u tipproteġi soċjetà ċivili b'saħħitha u reżiljenti offline u online, inkluż permezz tal-Istrateġija tal-UE għas-Soċjetà Ċivili, u tippromwovi u tiffaċilita b'mod sistematiku involviment strutturat tas-soċjetà ċivili mal-awtoritajiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-parteciżpazzjoni fin-NU u f'fora multilaterali oħra.
12. **Id-dinamika li qed tinbidel fin-NU** tiġġenera sfidi ġodda u twassal għal aktar tentattivi biex jiġu mminati l-impenji u n-normi eżistenti. L-UE ser topponi bil-qawwa kwalunkwe tentattiv biex jimmina l-obbligi tal-Istati skont id-dritt internazzjonali jew idgħajjef l-universalità tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tuża s-sett sħiħ ta' għodod tal-UE, inkluż ir-Reġim Globali ta' Sanzjonijiet tal-UE b'rabta mad-Drittijiet tal-Bniedem, biex iġġib bidla u ttejjeb is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja. L-UE ser tiġġieled kontra narrattivi foloz, inkluż l-hekk imsejħa miżuri koerċittivi unilaterali, id-diżinformazzjoni u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin (FIMI).

13. L-UE ser taħdem biex ittemm u tipprevjeni ksur u abbużi ulterjuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż billi tmexxi u tappoġġa **inizjattivi rilevanti** fit-Tielet Kumitat tal-AĠNU u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-inizjattivi speċifiċi għall-pajjiż jippermettu li l-attenzjoni tkun iffukata fuq is-sitwazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem tal-pajjiżi individwali f'konformità man-normi universali, kemm jekk biex jindirizzaw ksur speċifiku, jipromwovu r-responsabbiltà, jew biex jgħinu fit-titjib tas-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem permezz ta' mandati bħal mekkaniżmi indipendenti u proċeduri speċjali, u l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem (OHCHR). L-UE ser tkompli tiegħu rwol ewlieni **finizjattivi speċifiċi għall-pajjiż** dwar l-Afganistan, il-Belarus, il-Burundi, ir-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (RDPK), l-Eritrea u l-Myanmar. Ser issegwi mill-qrib l-inizjattivi dwar ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, il-Georgia inkluż ir-reġjuni separatisti okkupati tal-Abkażja u l-Ossezja tan-Nofsinhar, il-Haiti, l-Iran, in-Nikaragwa, it-Territorju Palestinjan Okkupat, ir-Russja, is-Somalja, is-Sudan, is-Sirja, u t-territorji okkupati temporanjament tal-Ukrajna, inkluż ir-Repubblika Awtonoma tal-Krimea u l-belt ta' Sevastopol. L-UE ser tinvolvi ruħha b'mod attiv fid-djalogi interattivi kollha speċifiċi għall-pajjiż ma' detenturi ta' mandati ta' proċeduri speċjali u skambji oħra biex tiġbed l-attenzjoni għal sitwazzjonijiet speċifiċi oħra tad-drittijiet tal-bniedem, u l-isfidi reġjonali rispettivi. L-UE ser issegwi wkoll l-aħħar Sessjonijiet Speċjali tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-UE ser tmexxi inizjattivi tematiċi dwar il-Piena tal-mewt, il-Libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin u d-Drittijiet ta' Tfal.

14. L-UE ser tkompli tikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra **l-Ukrajna**. L-UE ser tkompli wkoll tikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-ksur kontinwu mir-Russja tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali fl-Ukrajna, bħall-eżekuzzjonijiet sommarji ta' priġunieri tal-gwerra u detenuti ċivili, id-detenzjoni arbitrarja, l-użu sistematiku u mifruż tat-tortura u forom oħra ta' trattament ħażin, inkluż l-istupru u vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru oħra relatata mal-kunflitt. L-UE hija mħassba ħafna dwar l-ġhadd dejjem jikber ta' persuni ċivili maqtula u midruba, minħabba l-użu mir-Russja ta' droni u armi splussivi, inkluż b'effett fuq żona wiesgħa f'żoni urbani, u fuq infrastruttura ċivili u persuni ċivili *oħra*. Il-Kummissjoni ta' Inkjesta kkonkludiet li l-awtoritajiet Russi wettqu delitti kontra l-umanità ta' tortura, ġhajnien furzat, qtil u trasferiment furzat tal-popolazzjoni, u delitti tal-gwerra, inkluż immirar intenzjonat u intensifikat ta' persuni ċivili. L-UE ser tkompli tappella lir-Russja u lill-Belarusja biex itemmu minnufih il-ksur serju tad-deportazzjoni tat-tfal u t-trasferiment furzat li – skont il-Kummissjoni ta' Inkjesta – jikkostitwixxu delitti tal-gwerra, biex iwaqqfu l-adozzjoni illegali ta' tfal Ukreni u biex jiżguraw ir-ritorn immedjat u sikur tagħhom lejn l-Ukrajna. L-UE tappella lir-Russja biex twaqqaf minnufih il-militarizzazzjoni u l-indottrinazzjoni ta' minorenni u żgħażagħ Ukreni skont l-aħħar rapporti tal-OHCHR dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ukrajna. L-UE hija impenjata bis-sħiħ li tiżgura responsabbiltà sħiħa għad-delitti internazzjonali u l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem kollha li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja, inkluż investigazzjonijiet mill-prosekutur tal-QKI, u li jiġu rrispettati d-drittijiet tal-vittmi għall-ġustizzja, ir-riparazzjoni u l-garanziji ta' nonripetizzjoni. F'dan il-kuntest, l-UE tiegħu nota tal-iffirmar ta' konvenzjoni ġdida li tistabbilixxi Kummissjoni Internazzjonali għat-Talbiet għall-Ukrajna u tappella biex tkompli l-ħidma. L-UE ser tkompli tappoġġa aktar sforzi relatati mat-Tribunal Speċjali għad-Delitt ta' Aggressjoni kontra l-Ukrajna, u l-ħidma għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' kumpens komprensiv. L-UE ser tappoġġa t-tiġdid tal-mandat tal-Kummissjoni ta' Inkjesta dwar l-Ukrajna mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem. L-UE ser titlob bil-jedd li r-Russja twaqqaf l-aggressjoni tagħha, tirtira l-forzi kollha u t-tagħmir militari kollu mit-territorju kollu tal-Ukrajna u tirrispetta bis-sħiħ is-sovranià, l-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Ukrajna fi ħdan il-fruntieri tagħha rikonoxxuti internazzjonalment. L-UE tibqa' impenjata għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema fl-Ukrajna, ibbażata fuq il-prinċipji tal-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali u tilqa' l-isforzi kollha lejn dak l-għan.

15. L-UE ser tkompli timmonitorja u tikkundanna s-sistema strutturali tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fir-**Russja**, li huma parti minn repressjoni interna sistematika u sponsorjata mill-istat li qed tkompli tintensifika, inkluż l-użu ta' detenzjoni arbitrarja u l-użu mifruq u sistematiku tat-tortura u t-trattament ħażin. L-UE tibqa' mħassba ħafna dwar l-ispazju ċiviku magħluq, kemm online kif ukoll offline, u ser tikkundanna r-repressjoni sistematika tas-soċjetà ċivili, l-ilħna dissidenti u l-media indipendenti fir-Russja flimkien mar-repressjoni tranżnazzjonali. L-UE ser thegġegħ lir-Russja tabolixxi l-leġiżlazzjoni repressiva tagħha u tallinja l-leġiżlazzjoni domestika tagħha mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tappella għall-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet u r-riabilitazzjoni ta' dawk kollha detenuti arbitrarjament, inkluż il-priġunieri politiċi, u tappella lir-Russja biex ittemm l-użu ħażin politiku tagħha tal-ġudikatura u l-infurzar tal-liġi. L-UE ser tkompli thegġegħ lir-Russja biex tikkooopera bis-sħiħ mal-mekkaniżmi kollha tan-NU, inkluż proċeduri speċjali, mekkaniżmi investigattivi u mekkaniżmi reġjonali relatati mas-sitwazzjoni tagħha tad-drittijiet tal-bniedem u biex timplimenta bis-sħiħ is-sentenzi pendenti kollha tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.
16. L-UE tikkundanna bil-qawwa l-ksur gravi, sistematiku u mifruq tad-drittijiet tal-bniedem fil-**Belarussja**. L-UE ser tkompli thegġegħ lill-awtoritajiet Belarussi biex iwaqqfu kwalunkwe tip ta' repressjoni. L-UE tinnotta l-ħelsien reċenti ta' xi priġunieri politiċi u ser tkompli thegġegħ lill-Belarussja biex teħles u tirriabilita lill-priġunieri politiċi kollha immedjatement u mingħajr kundizzjonijiet, waqt li tiżgura r-risoluzzjoni tal-proċessi ġudizzjarji mal-ħelsien tagħhom u twaqqaf il-forom kollha ta' fastidju jew pressjoni li jistgħu jirriżultaw fit-tluq sfurzat tagħhom, id-deportazzjoni jew iċ-ċaħda minn servizzi konsulari. L-UE ser thegġegħ lill-awtoritajiet Belarussi jabolixxu l-piena tal-mewt u, bħala l-ewwel pass, jintroduċu moratorju. L-UE tappella lill-awtoritajiet Belarussi biex jidħlu fi djalogu ġenwin u inklużiv mal-elementi kollha tas-soċjetà. Ser tkompli wkoll thegġegħ lill-awtoritajiet Belarussi jikkooperaw bis-sħiħ mal-mekkaniżmi ta' monitoraġġ internazzjonali u reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE żżomm l-impenn tagħha li tappoġġa l-isforzi kollha għall-irfiġh tar-responsabbiltà u għad-dritt tal-vittmi għal reparazzjoni, il-verità, u garanziji ta' nonrepetizzjoni. L-UE ser titlob bil-jedd lill-awtoritajiet Belarussi jwaqqfu l-involvement tagħhom fil-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna u ma jibqgħux jistrumentalizzaw lill-migranti għal skopijiet politiċi, fkompliċità mar-Russja. L-UE ser tkompli taħdem biex tiżgura li s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li sejra għall-aġar fil-Belarussja tibqa' fuq quddiem fuq l-aġenda tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem u ser tappoġġa l-ħidma tar-Rapporteur Speċjali u tal-Grupp ta' Esperti Indipendenti dwar is-Sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Belarussja.

17. L-UE tikkundanna l-ksur kollu tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali fit-**Territorju Palestinjan Okkupat** kollu. L-UE tilqa' l-adozzjoni tar-Riżoluzzjoni 2803 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. L-UE żżomm l-impenn qawwi tagħha għad-dritt internazzjonali u għal paċi komprensiva, ġusta u dejjiema bbażata fuq is-soluzzjoni ta' żewġ stati, f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fejn żewġ stati demokratiċi, Iżrael u l-Palestina, jgħixu maġenb xulxin fil-paċi fi fruntieri siguri u rikonoxxuti, u tappoġġa l-isforzi diplomatiċi lejn din id-direzzjoni li huma msejsa fid-dritt internazzjonali. L-UE tkompli tenfasizza l-hteġġa għal twassil rapidu, sikur u mingħajr xkiel u distribuzzjoni sostnuta tal-ġhajjnuna umanitarja fuq skala kbira f'Gaza u kullimkien fiha. L-UE ser tkompli tappella lill-partijiet kollha biex jiffaċilitaw aċċess umanitarju sħiħ u mingħajr xkiel għall-Istrixxa ta' Gaza biex jirrispondu għall-ħtiġijiet urġenti tal-popolazzjoni, u tħeġġeġ biex l-ġhajjnuna titqassam b'mod effettiv f'konformità mad-dritt internazzjonali, inkluż mill-aġenziji tan-NU, b'mod partikolari l-UNRWA. L-UE tappella lil Iżrael biex ma jimplimentax il-liġi dwar ir-reġistrazzjoni tal-NGOs fil-forma attwali tagħha. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-Kummissjoni ta' Inkjesta u mandati rilevanti oħra tal-OHCHR attivi fit-Territorju Palestinjan Okkupat. L-UE tappella lill-partijiet kollha jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, u tissottolinja li r-responsabbiltà trid tintrefa' għall-ksur ta' dawn in-normi. L-UE ser tfakkar fil-hteġġa li jiġu implimentati bis-sħiħ l-ordnijiet tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja, li huma legalment vinkolanti, u ser tieġu nota tal-opinjoni konsultattivi tagħha. L-UE tikkundanna bil-qawwa l-eskalazzjoni ulterjuri, wara żieda massiva fil-vjolenza tal-abitanti tal-insedjamenti kontra persuni ċivili Palestinjani, u l-politiki ta' intimidazzjoni u theddid ta' spostament furzat u annessjoni, fix-Xatt tal-Punent, inkluż f'Ġerusalemm tal-Lvant, kif ukoll l-attakki terroristiċi kontra Iżrael. L-UE tappella lill-Gvern ta' Iżrael ireġġa' lura l-espansjoni tal-insedjamenti, li huma illegali skont id-dritt internazzjonali, biex joqgħod lura minn kwalunkwe annessjoni u biex iżomm lill-abitanti vjolenti tal-insedjamenti responsabbli ta' għemilhom. L-UE ser tfakkar fl-adozzjoni mill-Assemblea Ġenerali tan-NU tad-Dikjarazzjoni ta' New York dwar is-Soluzzjoni Paċifika tal-Kwistjoni tal-Palestina u l-Implimentazzjoni tas-Soluzzjoni ta' Żewġ Stati. L-UE tissottolinja r-rwol vitali tas-soċjetà ċivili fil-promozzjoni tad-djalogu bejn l-Iżraeljani u l-Palestinjani dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-paċi u soluzzjoni komprensiva u ġusta tal-konflitt. L-UE tittama li l-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili u l-NGOs tibqa' mingħajr xkiel fil-futur.

18. Is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-**Iran** għadha ferm inkwetanti, b'mod partikolari l-eżekuzzjonijiet li baqgħu jżiedu u r-rapporti ta' vittmi f'dimostrazzjonijiet fejn l-Iranjani esprimew l-aspirazzjoni leġittima tagħhom għal ħaġġa aħjar, il-libertà u d-dinjità. L-UE ser tkompli tikkundanna l-użu tal-vjolenza, id-detenzjoni arbitrarja, u t-tattiċi ta' intimidazzjoni mill-forzi tas-sigurtà kontra d-dimostranti. L-UE ser tappella lill-gvern Iranjan biex iwaqqaf l-eżekuzzjonijiet u jsegwi politika konsistenti lejn l-abolizzjoni tal-piena kapitali. L-UE tappella lill-Iran biex itemm kull forma ta' diskriminazzjoni, fil-liġi u fil-prattika, kontra n-nisa u l-bniet kif ukoll kontra persuni li jappartjenu għal minoranzi etniċi, reliġjużi, lingwistiċi jew minoranzi oħra. L-UE tibqa' mħassba dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' opinjoni u ta' espressjoni u ta' għaqda, offline u online. Għandu jkun hemm il-fluss liberu tal-informazzjoni u l-aċċess għall-internet. L-individwi kollha arrestati talli eżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod paċifiku għandhom jinħelsu minnufih. L-UE hija mħassba serjament dwar il-fastidju u r-ritaljazżjoni, speċjalment dawk immirati lejn dissidenti, persuni li jappartjenu għal minoranzi reliġjużi u etniċi u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, mhux l-inqas permezz ta' repressjoni tranżnazzjonali, inkluż fit-territorju tal-UE. L-UE tesprimi t-tħassib tagħha dwar ir-ritorn fuq skala kbira, inkluż ir-ritorn furzat, tal-Afgani mill-Iran. L-UE tappella lill-Iran biex jipprovdi garanziji ta' proċess korrett tal-liġi u ta' proċess ġust għad-detenuiti kollha. L-UE titlob bil-jedd il-ħelsien immedjat u mingħajr kundizzjonijiet taċ-ċittadini kollha detenuiti b'mod arbitrarju fl-Iran, inkluż ċittadini tal-UE u persuni b'ċittadinanza doppja, u tappella lill-awtoritajiet Iranjani jtemmu l-prattika inkwetanti tad-detenzjoni ta' ċittadini barranin għall-gwadann politiku. L-UE tħeġġeġ ukoll lill-Iran biex jirrispetta l-obbligi tiegħu skont il-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Diplomatiċi u dik dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari, kif ukoll il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi.

19. L-UE tikkundanna bil-qawwa l-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan. Dan il-ksur jinkludi l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-diskriminazzjoni estrema abbażi tal-ġeneru mit-Taliban kontra n-nisa u l-bniet, inkluż iċ-ċaħda għan-nisa u l-bniet tad-dritt għall-edukazzjoni ogħla mis-6 grad, u ċ-ċaħda tal-libertà tal-espressjoni, tal-moviment u tax-xogħol, inkluż il-projbizzjoni fuq in-nisa li jaħdmu għall-NGOs u għan-NU. Dan il-ksur sistematiku u sistemiku tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet jista' jammonta għal persekuzzjoni tal-ġeneru, li hija reat kontra l-umanità skont l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali li l-Afganistan huwa stat parti għalih. L-UE ser tibqa' tagħmel pressjoni biex tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali min-nisa u l-bniet Afgani tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha, kif ukoll l-emanċipazzjoni tagħhom, u l-parteċipazzjoni u t-tmexxija sinifikattivi u sikuri tagħhom fl-isferi kollha tas-soċjetà u l-ħajja pubblika, mhux l-inqas fil-qafas tal-proċess ta' Doha, kif ukoll tiżgura l-protezzjoni tagħhom mill-forom kollha ta' vjolenza. L-UE ser tappella wkoll għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi inkluż minoranzi etniċi u reliġjużi, bħall-Hazara, u persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli kif ukoll il-persuni LGBTI. L-UE tissottolinja li proċess politiku mmexxi mill-Afgani li jinkludi l-Afgani kollha, bil-parteċipazzjoni ugwali u sinifikattiva tan-nisa, huwa meħtieġ biex jiġu żgurati l-paċi, l-istabbiltà u l-prosperità sostenibbli. L-UE ser tappoġġa l-Missjoni ta' Assistenza tan-Nazzjonijiet Uniti fl-Afganistan (UNAMA) taħt il-mandat komprensiv tagħha b'komponent qawwi tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll il-mandat tar-Rapporteur Speċjali dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Afganistan. Wara l-ħolqien mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' mekkaniżmu ġdid tal-obbligu ta' rendikont għall-Afganistan, l-UE ser tappoġġa lin-NU biex tiżgura li l-mandat isir operattiv malajr kemm jista' jkun u jkun iffinanzjat biżżejjed.

20. L-UE ser tibqa' tesprimi t-tħassib serju tagħha dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-**Ċina**, inkluż fit-Tibet, il-Mongolja Interna, Hong Kong u Xinjiang. L-UE ser tteġġeg liċ-Ċina tidħol fi djalogu kostruttiv mal-Kummissarju Għoli tan-NU u l-Uffiċċju tiegħu, kif ukoll mal-mekkaniżmi internazzjonali kollha tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż lejn l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet deskritti fir-rapport ta' valutazzjoni dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'Xinjiang. L-UE ser tiffoka fuq it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem u l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali, speċjalment il-libertà ta' opinjoni u espressjoni, ta' assoċjazzjoni u ta' għaqda paċifika; il-libertà tar-reliġjon jew tat-twemmin, inkluż id-dritt tal-komunitajiet reliġjużi li jimmaniġġaw l-affarijiet tagħhom mingħajr indħil u li jagħżlu liberament il-mexxejja reliġjużi tagħhom; il-protezzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet; il-preservazzjoni tal-identità kulturali; u l-qerda tax-xogħol furzat. L-UE ser tkompli timmonitorja mill-qrib is-sitwazzjoni tas-soċjetà ċivili u ta' każijiet individwali li jinvolvu difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż dawk li jikkooperaw mal-mekkaniżmi tan-NU, kif ukoll dawk esposti għal fastidju, intimidazzjoni u sorveljanza, inkluż repressjoni tranżnazzjonali. L-UE ser itteni l-appell tagħha liċ-Ċina biex tirrispetta l-prinċipju ta' non-refoulement u żżomm lura minn attivitajiet ekstraterritorjali (inkluż il-koerċizzjoni) li mhumiex konformi mad-dritt internazzjonali. Ser tteġġeg liċ-Ċina tirrispetta, tipproteġi u tissodisfa d-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd, inkluż il-persuni Ujgur, it-Tibetani u dawk li jappartjenu għal minoranzi etniċi, reliġjużi, lingwistiċi, jew għal minoranzi oħra. Fir-rigward ta' Hong Kong, l-UE ser tafferma mill-ġdid it-tħassib tagħha dwar l-użu repressiv tal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà nazzjonali u tteġġeg liċ-Ċina tissodisfa l-impenji internazzjonali tagħha inkluż billi tirrestawra l-livell għoli ta' awtonomija ta' Hong Kong skont il-prinċipju ta' "pajjiż wieħed, żewġ sistemi". Fejn possibbli u b'rispett sħiħ tad-drittijiet universali tal-bniedem, l-UE ser tibqa' lesta taħdem maċ-Ċina inkluż f'kuntesti multilaterali.

21. L-UE ser tappella lill-awtoritajiet tar-**RDPK** biex jieħdu miżuri konkreti biex itemmu l-ksur gravi, sistematiku u mifruż tagħhom tad-drittijiet tal-bniedem kif imfakkar fir-riżoluzzjoni 80/220 tal-AĠNU. L-UE tteġġeg lir-RDPK biex tirrispetta, tipproteġi u tissodisfa d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt. Itteni l-ħtieġa li jiġi żgurat l-irfiġħ tar-responsabbiltà għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz tal-konsiderazzjoni ta' riferiment għall-QKI. L-UE ser tinkoraġġixxi lir-RDPK biex tkun involuta f'azzjoni u djalogu kostruttivi mal-komunità internazzjonali, inkluż is-sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU u r-Rapporteur Speċjali.

22. L-UE tfakkar fl-obbligu tal-**Georgia** li tippermetti l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali u tteġġeg lill-Georgia tirrevoka jew tirrevedi sostanzjalment il-leġiżlazzjoni reċenti li tmur kontra l-obbligi tal-Georgia skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u li tirrestrinġi bla bżonn jew tikser il-libertà ta' għaqda, ta' assoċjazzjoni jew ta' espressjoni, inkluż il-libertà u l-pluraliżmu tal-media. L-UE hija mħassba dwar l-użu politikament motivat tas-sistema ġudizzjarja u l-investigazzjonijiet kriminali kontra l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili. L-UE ser tkompli tikkundanna bil-qawwa l-arresti arbitrarji u r-repressjoni u l-persekuzzjoni li qed jiżdiedu, inkluż il-priġunerija għall-mexxejja tal-oppożizzjoni, ġurnalisti indipendenti u ħaddiema tal-media, u atturi tas-soċjetà ċivili, li jikkontribwixxu għar-rigress tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt fil-Georgia. L-UE ser tkompli tappella lill-awtoritajiet Georgjani biex jeħilsu minnufih u mingħajr kundizzjonijiet lill-persuni kollha detenuti b'mod arbitrarju. Hija ser tfakkar fil-projbizzjoni assoluta tat-tortura u t-trattament ħażin u tisħaq fuq l-importanza li tintemm l-impunità għall-ksur imwettaq minn dawk responsabbli għall-infurzar tal-liġi.
23. Fir-rigward tal-**Myanmar/Burma**, l-UE ser tkompli tikkundanna u tappella għal tmiem il-vjolenza kollha kontra persuni ċivili, il-ħelsien tal-persuni kollha detenuti b'mod arbitrarju, speċjalment dawk detenuti bħala konsegwenza tal-kolp ta' stat militari tal-2021, u għall-istabbiltà u r-rikonċiljazzjoni paċifika. L-UE ser titlob bil-jedd l-istabbiliment rapidu ta' perkors demokratiku trasparenti, inklużiv u kredibbli u, f'dan ir-rigward, ser tibqa' tappoġġa l-isforzi tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-ASEAN, fost l-oħrajn billi tteġġeg l-implimentazzjoni sħiħa tar-risoluzzjoni 2669 (2022) tal-KSNU u l-Kunsens fuq Ħames Punti tal-ASEAN. L-UE ser tirrifjuta kwalunkwe elezzjoni li la tkun ħielsa u lanqas ġusta u li għandha l-għan li tilleġittimizza lill-militar mingħajr ma tissodisfa r-rekwiżiti ta' proċess demokratiku. L-UE ser tappella għal koerenza akbar tal-pożizzjonijiet fis-sistema kollha tan-NU u fuq il-post. Hija ser tkompli tippromwovi l-ġustizzja u l-irfiġh tar-responsabbiltà għall-ksur u l-abbużi kollha tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru relatata mal-kunflitt, ir-ripressjoni u l-attakki indiskriminati fuq persuni ċivili. Ser titlob aċċess umanitarju sħiħ, sikur u mingħajr xkiel għall-persuni kollha fil-bżonn. L-UE ser tippromwovi t-tnaqqis tal-vjolenza u treggiġh lura tal-militarizzazzjoni li qed tiżdied tal-popolazzjoni ċivili inkluż ir-Rohingya f'Rakhine u l-kampijiet tar-refuġjati. L-UE ser tkompli tappoġġa l-mekkaniżmi tan-NU inkluż ir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Myanmar u l-Mibgħut Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-NU dwar il-Myanmar kif ukoll il-mekkaniżmi ta' responsabbiltà, b'mod partikolari l-Mekkaniżmu ta' Investigazzjoni Indipendenti għall-Myanmar (IIMM).

24. L-UE hija estremament imħassba dwar il-ksur mifrux tad-dritt umanitarju internazzjonali u tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem fis-**Sudan** kollu ddokumentat f'diversi rapporti, inkluż vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru fuq skala kbira, qtil motivat mill-etniċità, ġuħ bħala metodu ta' gwerra, ksur tad-drittijiet tat-tfal u spostament fuq skala kbira. L-UE ser tibqa' tikkundanna b'mod inekwivoku dawn l-atroċitajiet, li ħafna minnhom twettqu sistematikament u fuq skala allarmanti u ħallew impatt devastanti fuq il-popolazzjoni ċivili, b'mod partikolari fuq in-nisa u t-tfal kif ukoll fuq persuni oħra f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-UE ser tkompli tappella lill-partijiet kollha fil-konflitt biex jissoktaw bin-negozjati lejn waqfien mill-ġlied immedjat u dejjiemi, ir-rispett tad-dritt umanitarju internazzjonali u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll is-sovranità, l-unità u l-integrità territorjali tas-Sudan. L-UE ser tinsisti fuq il-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili, l-infrastruttura ċivili, il-ħaddiema umanitarji u l-aċċess umanitarju li m'għandhomx ikunu kontinġenti fuq waqfien mill-ġlied. L-UE ser tiffoka fuq l-iżgurar li r-responsabbiltà tintrefa' fir-rigward tad-delitti atroċi mwettqa fil-pajjiż kollu, inkluż ħafna li jistgħu jammontaw għal delitti tal-gwerra u delitti kontra l-umanità. L-UE ser tappoġġa l-ħidma tal-QKI u n-NU u tappella lis-Sudan biex jikkoopera mal-Missjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Tiftix tal-Fatti dwar is-Sudan.
25. L-UE għadha mħassba ferm dwar il-ksur u l-abbużi mifruxa mwettqa mill-partijiet kollha fil-**Lvant tar-RDK**. Dawn jinkludu eżekuzzjonijiet extrajudizzjarji, sommarji jew arbitrarji, vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru, u r-reklutaġġ u l-użu tas-soldati tfal. Għandna niżguraw li l-awturi kollha ta' ksur u abbużi tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali, jinżammu responsabbli. Dan jenfasizza l-ħtieġa urġenti li jiġi pprovdut finanzjament suffiċjenti għall-Kummissjoni Indipendenti ta' Inkjesta dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fiż-żewġ provinċji ta' Kivu, li nġhatat mandat minn riżoluzzjoni tal-HRC fl-2025.

26. Il-**poplu Sirjan** ikompli jfassal perkors storiku ġdid fil-mixja tiegħu lejn id-dinjità, il-libertà u l-ġustizzja. L-UE tkompli tkun impenjata għal tranżizzjoni inklużiva mmexxija mis-Sirjani u bi sjieda Sirjana ħielsa minn interferenza barranija dannuża. Ir-responsabbiltà, proċess ta' ġustizzja tranżizzjonali komprensiv u inklużiv u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inkluż dawk ta' persuni li jappartjenu għall-komunitajiet reliġjużi, ser ikunu kruċjali biex jinkisbu paċi u rikonċiljazzjoni sostenibbli. L-UE ser tinsisti fuq l-importanza tal-inklużività, it-titjib tas-sitwazzjoni umanitarja u tas-sigurtà, u spazju ċiviku pluralistiku, inkluż media ħielsa u indipendenti u l-komunità tad-dijaspora Sirjana, bħala kundizzjonijiet ewlenin għas-suċċess ta' din it-tranżizzjoni. L-UE tteġġegħ lill-atturi kollha biex joqgħodu lura minn kwalunkwe vjolenza ulterjuri, biex jiżguraw is-sigurtà u l-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili kollha, u biex jirrispettaw id-dritt internazzjonali, kif ukoll id-drittijiet universali tal-bniedem, inkluż id-drittijiet tan-nisa u tat-tfal. Dawk kollha responsabbli għall-ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali jew għall-ksur u l-abbużi tad-drittijiet tal-bniedem - kemm fil-passat kif ukoll fil-preżent - jeħtieġ li jinżammu responsabbli u jitressqu quddiem il-ġustizzja. L-UE tappella biex id-drittijiet tal-bniedem jiġu rispettati, mħarsa u ssodisfati għas-Sirjani kollha mingħajr distinzjoni ta' ebda tip, inkluż dawk ibbażati fuq il-ġeneru, l-etniċità jew ir-reliġjon. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-Kummissjoni ta' Inkjesta (CoI), il-Mekkaniżmu Internazzjonali, Imparzzjali u Indipendenti (IIM) u l-Istituzzjoni Indipendenti dwar Persuni Nieqsa (IIMP). L-UE tappella lil dawn l-entitajiet tan-NU biex ikomplu jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet nazzjonali rilevanti u biex jikkomplementaw l-isforzi nazzjonali. L-UE ttenni l-appell tagħha għat-tiġdid tal-mandat tas-CoI, kif ukoll l-appell tagħha lill-awtoritajiet tranżizzjonali Sirjani biex jiżguraw l-aċċess sħiħ tal-IIM u tal-IIMP għas-Sirja, mingħajr restrizzjonijiet.

27. L-UE ser tkompli taħdem mas-sħab tagħha, inkluż l-Istati Uniti, u sħab reġjonali u internazzjonali oħra, biex trawwem tranżizzjoni demokratika nnegozjata, paċifika u inklużiva fil-**Venezwela**, li tirrifletti r-rieda tal-poplu Venezwelan b'rispett sħiħ għas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Venezwela. L-UE ser tkompli tippromwovi djalogu inklużiv immexxi mill-Venezweljani li jista' jwassal għal soluzzjoni paċifika u demokratika għall-kriżi multidimensjonali. L-UE ser tkompli tappella għal elezzjonijiet ġusti, kredibbli u trasparenti u r-rispett għan-normi demokratiċi bħala ċentrali għas-soluzzjoni tal-kriżi politika. L-UE ser tkompli titlob bil-jedd il-ħelsien tal-priġunieri politiċi kollha u t-tmiem ta' detenzjonijiet arbitrari, inkluż ta' ċittadini b'ċittadinanza doppja u dawk barranin. Ir-repressjoni politika, inkluż it-tortura u trattament krudili, inuman jew degradanti ieħor fiċ-ċentri ta' detenzjoni speċjalment tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġurnalisti jridu jintemmu. L-UE ser tkompli tippromwovi r-rispett sħiħ tal-libertajiet fundamentali inkluż id-drittijiet tal-għaqda paċifika, tal-assoċjazzjoni, u tal-libertà ta' espressjoni. L-UE tħeġġeġ lill-Venezwela biex timpenja ruħha b'mod kostruttiv mal-mekkaniżmi kollha tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali. L-UE tippromwovi r-ritorn sinifikattiv tal-OHCHR lejn il-pajjiż. Fiċ-ċirkostanzi kollha, għandu jiġi rrispettat id-dritt internazzjonali, inkluż il-Karta tan-NU.
28. L-UE ser tkompli tappoġġa lill-**Haiti** fl-indirizzar tal-kriżi umanitarja tiegħu, il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-ġlieda kontra l-vjolenza estrema minn gruppi kriminali armati, u r-restawr tad-demokrazija u l-istat tad-dritt. L-UE ser tkompli wkoll tinkoraġġixxi lill-Awtoritajiet Haitjani biex javvanzaw fit-triq lejn elezzjonijiet ġusti u ħielsa.
29. Filwaqt li tinnota l-progress li sar fl-isfera tad-drittijiet ekonomiċi u soċjali, inkluż fil-ġlieda kontra l-mutilazzjoni ġenitali femminili, l-UE tibqa' mħassba dwar is-sitwazzjoni fl-**Eritrea** fir-rigward ta' firxa wiesgħa ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-prattika ta' servizz nazzjonali indefinit u lieva arbitrarija kif ukoll detenzjoni arbitrarija, għajbien furzat, tortura, u kundizzjonijiet inumani fil-ħabsijiet, flimkien ma' impunità mifruxa. L-UE ser tkompli tappella lill-Eritrea biex tirispetta l-Karta tan-NU, biex tissodisfa l-obbligi internazzjonali tagħha, u ser tħeġġeġ lill-Eritrea biex issaħħaħ is-sħubija tagħha man-Nazzjonijiet Uniti, inkluż l-involviment fi djalogu kostruttiv dwar id-drittijiet tal-bniedem.

30. L-UE ser issegwi mill-qrib is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-**Ażerbajġan**, u ser tkompli tappoġġa paċi sostenibbli u dejjiema bejn l-Armenja u Azerbajġan.
31. **It-Turkija**, bħala pajjiż kandidat tal-UE u membru għal bosta snin tal-Kunsill tal-Ewropa, hija mistennija taderixxi mal-impenji rispettivi tagħha u mal-obbligi tagħha skont id-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem.
32. L-UE ser iżżomm l-appoġġ qawwi tagħha għall-aġenda tal-ugwaljanza permezz tal-fora multilaterali kollha. L-UE ser tippromwovi b'mod vigoruż u żżid l-isforzi għall-**ugwaljanza bejn il-ġeneri**, l-avvanz u t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha min-nisa u l-bniet kollha, u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom, skont l-impenji internazzjonali tagħha, inkluż bl-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fil-kuntesti tal-pajjiżi u dawk tematiċi. L-UE ser tappoġġa approċċ ambizzjuż u trasformattiv sabiex jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin u l-fatturi ta' riskju tal-inugwaljanza bejn is-sessi, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza fuq in-nisa u l-bniet. L-UE ser tkompli tippromwovi l-integrazzjoni sħiħa ta' perspettiva tal-ġeneru f'inizjattivi ta' paċi u sigurtà, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tal-UNSCR 1325 dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà u riżoluzzjonijiet sussegwenti, permezz tat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni u t-tmexxija sħaħ, ugwali u sinifikanti tan-nisa u l-bniet fil-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti matul iċ-ċiklu tal-kunflitt. L-UE ser tuża kull opportunità fil-fora rilevanti kollha biex tkompli twettaq dawn l-impenji. L-UE ser topponi bil-qawwa kwalunkwe azzjoni jew proposta li jkollha l-għan li ddgħajjef l-impenji u l-istandards internazzjonali eżistenti. Huwa dejjem aktar kruċjali li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri ma tiddgħajjifx aktar, u li l-lakuni eżistenti jiġu indirizzati malajr. F'dan ir-rigward, l-UE ser tibqa' viġilanti fir-rigward ta' tentattivi biex jitneħħa, jinbidel jew jiġi interpretat ħażin lingwaġġ relatat mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem min-nisa u l-bniet u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom, u d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru. L-UE ser tibqa' wkoll viġilanti fir-rigward ta' tentattivi biex jitneħħa, jinbidel jew jiġi interpretat ħażin lingwaġġ relatat mas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR), kif identifikat fil-paragrafu 34. tal-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp (ara l-paragrafu li ġej).

33. L-UE tibqa' impenjata favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem kollha u favur l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u l-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-eżiti tal-konferenzi ta' rieżami tagħhom u tibqa' impenjata favur **s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati (SRHR)**, f'dan il-kuntest. B'dan il-ħsieb, l-UE ttenni l-impenn tagħha favur il-promozzjoni, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-dritt tal-individwi kollha li jkollhom kontroll sħiħ fuq kwistjonijiet relatati mas-sesswalità u s-saħħa sesswali u riproduttiva tagħhom, u li jiddeċiedu b'mod liberu u responsabbli dwarhom, ħielsa mid-diskriminazzjoni, il-koerċizzjoni u l-vjolenza. L-UE tenfasizza wkoll il-ħtieġa ta' aċċess universali għal informazzjoni u edukazzjoni komprensivi, ta' kwalità u bi prezz li jintlaħaq dwar is-saħħa sesswali u riproduttiva, inkluż edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, u servizzi għall-kura tas-saħħa.
34. L-UE ser tqiegħed il-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-forom kollha ta' vjolenza, inkluż **il-vjolenza sesswali u abbażi tal-ġeneru (SGBV)** kemm online kif ukoll offline, kif ukoll il-protezzjoni tal-vittmi u s-superstiti u l-ikkastigar tat-trasgressuri, fiċ-ċentru tal-isforzi tagħha biex tikseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. L-UE ser tippromwovi approċċi min-naħa tas-soċjetà kollha biex tinvolvi lill-irġiel u s-subien bħala alleati u benefiċjarji fl-isforzi biex jiġu eliminati l-inugwaljanzi kollha bejn il-ġeneri, inkluż billi jiġu indirizzati l-liġijiet diskriminatorji, jiġu miġġielda l-istereotipi marbuta mal-ġeneru u n-normi soċjali diskriminatorji u l-istereotipi marbuta mal-ġeneru. L-UE ser tkompli tappoġġa l-**parteċipazzjoni ugwali, sħiħa, effettiva u sinifikattiva tan-nisa u ż-żgħażaġh**, bid-diversità kollha tagħhom u fl-isferi kollha tal-ħajja pubblika u politika, skont il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija 2020-2027. L-UE ser tippromwovi appoġġ politiku u finanzjarju għal ambjent sikur u abilitanti għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif ukoll għad-difensuri nisa tad-drittijiet tal-bniedem li, fil-kapaċità personali jew professjonali tagħhom jistinkaw biex jipproteġu u jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jew joffru servizzi ta' protezzjoni lin-nisa u l-bniet li d-drittijiet tagħhom ikunu nkisru

35. L-UE tħares id-dritt għal-**libertà ta' opinjoni u espressjoni** kemm online kif ukoll offline. L-UE ser tkompli tiddefendi dawn id-drittijiet abbażi tal-inizjattivi pijunieri u l-istandards ta' livell għoli tagħha biex tappoġġa settur tal-media li jkun pluralistiku, indipendenti u reżiljenti għall-kriżijiet. Dawn jinkludu b'mod partikolari l-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media, id-Direttiva kontra s-SLAPP (Kawżi Strateġiċi Kontra l-Parteċipazzjoni Pubblika), kif ukoll l-Att dwar is-Swieq Diġitali u dak dwar is-Servizzi Diġitali. L-UE ser tibqa' determinata fl-appoġġ tagħha għal-libertà tal-media u d-dritt tal-ġurnalisti u tal-ħaddiema tal-media li jaħdmu f'kundizzjonijiet sikuri, mingħajr biża' ta' fastidju, theddid u vjolenza, kemm online kif ukoll offline. Huwa aktar importanti minn qatt qabel li tittieħed azzjoni deċiżiva biex tiġi żgurata s-sopravivenza tal-media ħielsa, indipendenti u pluralistika fid-dinja kollha, bħala pedament tad-demokrazija. L-UE ser taħdem biex issaħħaħ l-integrità tal-informazzjoni u r-reżiljenza soċjetali, inkluż id-dritt ta' aċċess għal informazzjoni rilevanti, affidabbli u preċiżi. F'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-UE ser tiġġieled id-diżinformazzjoni u l-attivitajiet ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni minn barranin (FIMI). L-UE ser tkompli tuża l-firxa sħiħa ta' għodod disponibbli biex tipproteġi, tipprevjeni, tiskoraġġixxi u tirrispondi għal aktivitajiet ta' diżinformazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-appoġġ ta' media ħielsa u indipendenti u billi tiffoka fuq il-litteriżmu medjatiku kritiku. Fid-dawl tar-reazzjonijiet dejjem aktar sproporzjonati u vjolenti għall-protesti madwar id-dinja, l-UE ser tipproteġi u tippromwovi d-dritt **għal-libertà ta' għaqda paċifika u ta' assoċjazzjoni**. L-UE ser tappoġġa l-**libertà akkademika** u l-awtonomija tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, fejn l-ideat jistgħu jirnexxu u jiġu sfidati b'mod sikur.

36. L-UE ser tappoġġa, tippromwovi u tagħti s-setgħa b'mod attiv lil **soċjetà ċivili** diversifikata u indipendenti, filwaqt li tippromwovi l-parteeċipazzjoni sinifikattiva tagħhom fil-fora kollha tan-NU. L-UE ser tikkundanna bil-qawwa kwalunkwe forma ta' rappreżalji kontra d-**difensuri tad-drittijiet tal-bniedem (DDB)** u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż dawk li jikkooperaw man-NU fi kwalunkwe forma. L-UE ser tkun attenta għar-riskji speċifiċi ffaċċjati mis-soċjetà ċivili u d-DDB, inkluż ċerti kategoriji li sikwit ikunu soġġetti għal diskriminazzjoni, vjolenza u fastidju, u ser tkun attur ewlieni fil-promozzjoni ta' ambjent mingħajr periklu u abilitanti għalihom. L-UE ser tikkundanna bil-qawwa l-forom kollha ta' **repressjoni tranżnazzjonali**, filwaqt li tappella lill-Istati kollha biex jirrispettaw l-obbligi internazzjonali tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem billi jiżguraw li l-individwi li joriġinaw minn pajjiżi oħra li jfittxu protezzjoni fit-territorju tagħhom ikunu ħielsa minn theddid u interferenza transfruntiera. L-UE ser topponi wkoll il-miżuri legali u amministrattivi li jnaqqsu l-ispazju ċiviku, pereżempju l-ostakli għar-reġistrazzjoni ta' NGOs, restrizzjonijiet fuq l-aċċess għar-riżorsi, regoli onerużi ta' skrutinju u rekwiżiti ta' rappurtar li jkunu ta' piż.
37. L-UE ser tkompli topponi bil-qawwa l-forom kollha ta' **diskriminazzjoni**, u ser tintensifika l-azzjoni biex tindirizzahom, b'attenzjoni speċifika għal diversi forom u forom kumulattivi ta' diskriminazzjoni, fosthom abbażi ta' sess, razza, oriġini etnika jew soċjali, reliġjon jew twemmin, opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, diżabbiltà, età, orjentazzjoni sesswali u identità tal-ġeneru. L-UE ttenni l-impenn tagħha favur l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, favur id-dritt tal-persuni kollha li jgawdu l-firxa sħiħa ta' drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali, u favur il-protezzjoni ta' min jinsab f'sitwazzjonijiet żvantaġġati, vulnerabbli u emarġinati. L-UE ser tinvolvi ruħha b'mod konsistenti u kostruttiv fil-mandati tan-NU li jiffukaw fuq il-għlieda kontra l-vjolenza u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u ser tkompli tappoġġa bis-sħiħ il-ħidma tan-NU. L-UE ser tafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tagħha li tirrispetta, tipproteġi u tirrealizza t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem kollha minn persuni LGBTI u tesprimi t-tħassib profond tagħha dwar ir-rati allarmanti ta' vjolenza, diskriminazzjoni, diskors ta' mibegħda u stigmatizzazzjoni kontrihom. L-UE ser tkompli tikkundanna bil-qawwa l-liġijiet, il-politiki u l-prattiki diskriminatorji kontra persuni LGBTI. L-UE ser tappoġġa d-dekriminalizzazzjoni universali tar-relazzjonijiet kunsenswali bejn persuni tal-istess sess bħala prijorità. L-UE ser tappella għat-tmiem ta' kwalunkwe forma ta' vjolenza madwar id-dinja kontra persuni LGBTI.

38. Dwar it-**teknoloġiji diġitali u l-intelliġenza artifiċjali**, l-UE tafferma mill-ġdid li l-istess drittijiet li n-nies għandhom offline jridu jiġu protetti wkoll online u fil-kuntest tat-teknoloġiji diġitali, u li huma meħtieġa salvagwardji b'saħħithom biex tiġi ggarantita l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tippromwovi b'mod attiv id-drittijiet universali tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt u l-prinċipji demokratiċi **fl-ispazju diġitali**. L-UE ser tkompli tippromwovi approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u ċċentrat fuq il-bniedem fl-isfera diġitali, inkluż dwar l-**Intelliġenza Artifiċjali**, u teknoloġiji ġodda u emerġenti oħra. L-UE ser tkompli tappella lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex jipprevjenu l-ħsara kkawżata minn dawġ it-teknoloġiji kif ukoll joqgħodu lura milli jużawhom jekk bi ksur tad-drittijiet universali tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jew bi ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali u l-UE ser tappella lill-Istati kollha biex jipproteġu l-ispazju ċiviku online, u ser tippromwovi internet miftuħ, liberu, inklużiv, sikur, globali, interoperabbli u sigur għal kulħadd u tissalvagwardja l-pedamenti tagħha b'diversi partijiet ikkonċernati. L-UE ser taħdem favur ir-rispett tal-privatezza u ser tippromwovi d-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data.
39. L-UE ser tfakkar fil-pożizzjoni ta' prinċipju tagħha kontra l-**piena tal-mewt fil-każijiet kollha u fiċ-ċirkostanzi kollha**. Ser nappellaw lill-pajjiżi kollha li japplikaw il-piena tal-mewt biex jabolixxuha, jew biex iżommu jew jintroduċu moratorju bħala l-ewwel pass lejn l-abolizzjoni, u lil dawġ li qed jikkunsidraw l-introduzzjoni mill-ġdid tagħha biex iżommu lura minn pass lura bħal dan. L-UE ser tikkundanna bil-qawwa u b'mod inekwivoku l-applikazzjoni tal-piena tal-mewt, inkluż f'każijiet li jiksru l-istandards minimi internazzjonali, tappoġġa bil-qawwa r-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-NU, u tappella biex tiġi żgurata l-projbizzjoni tal-privazzjoni arbitrarja tal-ħajja, inkluż eżekuzzjonijiet extrajudizzjarji. L-UE ser tippromwovi r-ratifika ulterjuri tat-Tieni Protokoll Fakultattiv għall-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi li għandu l-għan li jabolixxi l-piena tal-mewt.

40. L-UE ser tkompli tikkundanna l-atti kollha ta' tortura u trattament jew piena krudili, inumana jew degradanti oħra, kull fejn dawn iseħħu, u titkellem kontra arresti u detenzjoni arbitrarji, kif ukoll għajbien furzat. L-UE ser tqajjem sensibilizzazzjoni dwar iż-żieda fl-użu tat-**tortura u** t-trattament ħażin bħala metodu biex jiġi eliminat id-dissens politiku u biex jiġi ristrett l-ispazju ċiviku. Ser ittenni t-talba tagħha biex tinkiseb ir-ratifika universali u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u l-Protokoll Fakultattiv tagħha. L-UE ser tkompli tippromwovi l-Alleanza Globali għal Kummerċ Liberu mit-Torturi u ser tikkunsidra passi ulterjuri biex tipprojbixxi l-kummerċ globali ta' oġġetti li ma għandhom l-ebda użu prattiku ħlief għall-fini tal-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra. L-UE ser tafferma mill-ġdid l-impenn sod tagħha li tagħmel progress fl-eliminazzjoni tal-**għajbien furzat**, filwaqt li tibni fuq il-kisbiet tal-Ewwel Kungress Dinji dwar l-Għajbien Furzat.
41. L-UE ser tafferma mill-ġdid l-impenn b'saħħtu tagħha għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-dritt għal-**libertà ta' reliġjon jew ta' twemmin** għall-individwi kollha madwar id-dinja. L-UE ser tippromwovi u tipproteġi d-dritt ta' kulħadd li jkollu jew ma jkollux reliġjon jew twemmin, li jbidel ir-reliġjon jew it-twemmin tiegħu, jew li jimmanifestah waħdu jew f'komunità ma' oħrajn u fil-pubbliku jew fil-privat. L-UE ser tikkundanna d-diskriminazzjoni, l-intolleranza, il-vjolenza, u l-persekuzzjoni abbażi ta' reliġjon jew ta' twemmin, u tiċħad kwalunkwe forma ta' inċitament għal mibegħda reliġjuża. L-UE ser tkompli tippromwovi kultura ta' tolleranza reliġjuża, rispett għad-diversità u l-fehim reċiproku, u trawwem djalogu bejn ir-reliġjonijiet u interkulturali bħala għodod essenzjali għal koeżistenza paċifika.

42. Fid-dawl tas-60 anniversarju tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forum Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (ICERD), l-UE ser tkompli tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv fl-inizjattivi kollha relatati mal-ġlieda kontra kwalunkwe forma ta' **razziżmu**, diskriminazzjoni razzjali, ksenofobija u intolleranza relatata madwar id-dinja. Fl-istess ħin, l-UE ser tfakkar fil-pożizzjoni tagħha li ilha stabbilita dwar il-ħtieġa li jiġu żgurati r-ratifika universali u l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-ICERD, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu implimentati d-Dikjarazzjoni u l-Programm ta' Azzjoni ta' Durban, u li jiġu razzjonalizzati u ssimplifikati l-mekkaniżmi ta' segwitu tagħha. L-UE ser tkompli timpenja ruħha b'mod sinifikanti fin-negozjati dwar abbozz ta' Dikjarazzjoni tan-NU dwar ir-rispett, il-protezzjoni u r-realizzazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuni ta' dixxendenza Afrikana. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha fil-ġlieda kontra r-razziżmu, inkluż permezz tal-Istrateġija tal-UE Kontra r-Razziżmu (2026-2030).
43. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tavvanza u tintegra d-**drittijiet tal-persuni b'diżabilità** fl-azzjoni esterna tagħha, inkluż permezz tal-inizjattiva li jmiss dwar "It-Tiżiħ tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità sal-2030". Ser nintensifikaw l-isforzi biex niżguraw li l-persuni kollha b'diżabilità jkunu jistgħu jgawdu d-drittijiet tagħhom fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor, inkluż f'sitwazzjonijiet ta' kunflitti armati u kriżijiet umanitarji oħra u jkollhom parteċipazzjoni u inklużjoni sħaħ, effettivi u sinifikanti fl-aspetti kollha tal-ħajja soċjali, kulturali, edukattiva, ekonomika, ċivili u politika, inkluż billi nipromwovu t-tiżiħ tal-pożizzjoni u t-tmexxija tagħhom. L-UE tafferma mill-ġdid l-appoġġ tagħha għall-Istrateġija tan-NU għall-Inklużjoni tad-Diżabilità u tappoġġa r-rakkomandazzjonijiet tas-Segretarju Ġenerali tan-NU rigward l-implimentazzjoni tagħha.
44. L-UE ser tkompli tappella lill-Istati kollha biex jirrispettaw, jiproteġu u jissodisfaw id-drittijiet tal-bniedem tal-persuni kollha li jappartjenu għal **minoranzi** nazzjonali jew etniċi, reliġjużi, u lingwistiċi, inkluż fil-fora rilevanti kollha. L-UE ser tipromwovi d-dritt tagħhom li jipparteċipaw b'mod effettiv fil-ħajja kulturali, reliġjuża, soċjali, ekonomika u pubblika. L-UE ser topponi kull forma ta' inċitament għall-vjolenza jew il-mibegħda, u d-diskors ta' mibegħda, online u offline, filwaqt li tippreserva d-drittijiet għal-libertà ta' opinjoni u espressjoni.

45. L-UE ser tkompli tiddefendi d-**drittijiet tat-tfal**, filwaqt li tipprijoritizza l-protezzjoni tat-tfal minn kull forma ta' vjolenza, inkluż fl-ambjent diġitali, u l-promozzjoni ta' aċċess universali għal edukazzjoni ta' kwalità, inklużiva u sikura, kif ukoll it-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal u l-inugwaljanzi fost it-tfal. L-UE ser tkompli tagħti attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tat-tfal affettwati minn konflitt armat u li jgħixu f'sitwazzjonijiet ta' wara konflitt, filwaqt li ssaħħa il-koordinazzjoni mal-mekkaniżmi tan-NU, f'konformità mal-Linji Gwida tal-UE dwar it-Tfal u l-Konflitti Armati. L-UE ser tkompli taħdem biex jinqerdu l-forom kollha ta' diskriminazzjoni kontra t-tfal.
46. L-UE ser tkompli tippromwovi t-tgawdija sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha mill-**persuni akbar fl-età**, filwaqt li tiżgura l-parteċipazzjoni tagħhom fl-isferi kollha tal-ħajja, u tindirizza l-etajzmu, id-diskriminazzjoni abbażi tal-età u l-forom kollha ta' vjolenza. L-UE ser taħdem biex tindirizza l-lakuni fil-protezzjoni u tippromwovi l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards internazzjonali f'dan ir-rigward filwaqt li tinvolvi ruħha mal-korpi rilevanti tan-NU.
47. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn b'saħħtu tagħha li tirrispetta, tiproteġi u tirrealizza d-drittijiet ekonomiċi, soċjali u kulturali (**ESCR**) kollha, inkluż id-dritt għall-edukazzjoni, l-ikel, is-saħħa, is-sigurtà soċjali, l-akkomodazzjoni xierqa u x-xogħol deċenti, u li tappoġġa l-inizjattivi rilevanti f'dan ir-rigward. Hija ser tinvolvi ruħha b'mod attiv f'diskussjonijiet dwar l-ekonomija tad-drittijiet tal-bniedem. Ser tkompli tappoġġa l-aċċess universali għal ilma tax-xorb sikur, suffiċjenti u affordabbli, għas-sanità u l-iġjene, u tenfasizza d-dimensjoni tad-drittijiet tal-bniedem f'dawk l-oqsma. L-UE ser tkompli tippromwovi d-drittijiet kulturali u l-protezzjoni tal-wirt kulturali.

48. L-UE ser tkompli tikkoopera mal-OHCHR u mal-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar **in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem** biex tippromwovi l-implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (UNGP) madwar id-dinja. Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva u l-ġlieda kontra x-xogħol furzat jipprovdu bażi importanti għal impenn kostruttiv tal-UE fin-NU, inkluż fir-rigward ta' strument legalment vinkolanti bbażat fuq il-kunsens dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem. Bil-ħsieb li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-vittmi u jinħolqu kundizzjonijiet ekwivalenti globali, huwa importanti li jsir sforz għal kunsens wiesa' u transreġionali bejn l-istati membri tan-NU. L-UE ser tkompli tappoġġa l-adozzjoni ta' Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali fl-Istati Membri u l-pajjiżi sħab, u ser taħdem lejn Qafas komprensiv tal-UE għall-implimentazzjoni tal-UNGP. Ser timpenja ruħha wkoll b'mod kostruttiv fil-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar l-elaborazzjoni ta' qafas regolatorju internazzjonali dwar l-attivitajiet ta' kumpaniji militari u ta' sigurtà privati.
49. Filwaqt li tirrikonoxxi l-impatt tat-**tibdil fil-klima**, it-telf tal-bijodiversità, id-degradazzjoni ambjentali u t-tniġġis fuq it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri, l-UE ser tkompli timpenja ruħha fil-promozzjoni ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem biex issaħħaħ l-isforzi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. L-UE ser tfakkar l-obbligi tal-Istati bħala dawk responsabbli mid-dmir f'dan ir-rigward u ser tiffoka fuq dawk id-detenturi tad-drittijiet li huma l-aktar vulnerabbli għall-effetti tal-kriżi planetarja tripla. L-UE ser tippromwovi r-rwol importanti tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-qasam tal-ambjent u tad-drittijiet tal-popolazzjonijiet indiġeni u tappoġġa miżuri biex tiproteġihom. L-UE ser tinvolvi ruħha b'mod attiv f'diskussjonijiet dwar l-avvanz tad-dritt tal-bniedem għal ambjent nadif, san u sostenibbli anke fid-dawl tal-Opinjoni Konsultattiva tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja ta' Lulju 2025. Ser tippromwovi miżuri kuraġġużi u urġenti meħtieġa bħala parti mit-tranżizzjoni ekoloġika li jkunu ġusti u inklużivi.

50. L-UE ser tkompli tippromwovi d-drittijiet tal-**Popli Indigjeni** kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Popli Indigjeni u d-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, u f'dan ir-rigward ser tinvolvi ruħha b'mod attiv fil-fora kollha rilevanti fejn jiġu diskussi d-drittijiet tal-Popli Indigjeni. L-UE ser tkompli timpenja ruħha b'mod attiv f'kull sforz biex tittejjeb il-parteciġipazzjoni sħiħa, effettiva u sinifikanti tar-rappreżentanti u l-istituzzjonijiet tal-Popli Indigjeni fil-korpi rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti fil-laqgħat kollha tan-Nazzjonijiet Uniti dwar kwistjonijiet li jaffettwawhom. L-UE ser tisħaq fuq l-importanza tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-Popli Indigjeni, inkluż fil-kuntest tal-art u r-riżorsi naturali u l-protezzjoni tal-ambjent, il-bijodiversità u l-klima, u li jiġi żgurat li jkunu jistgħu jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem mingħajr biża' ta' rappreżalji. L-UE ser tfakkar fil-vulnerabbiltà partikolari tal-Popli Indigjeni fil-kuntest tat-tibdil fil-klima. L-UE ser tippromwovi wkoll il-parteciġipazzjoni ugwali, sħiħa, effettiva u sinifikanti u l-kapaċità ta' tmexxija tan-nisa indigjeni. L-UE ser tissottolinja l-importanza li t-tfal Indigjeni jingħataw aċċess għall-edukazzjoni bil-lingwa u l-kultura tagħhom stess.

51. L-UE ser tfakkar li **d-dritt għall-iżvilupp** għandu l-għeruw tiegħu fin-natura universali, indiviżibbli, interrelata, interdipendenti u reċiprokament rinforzanti tad-drittijiet tal-bniedem kollha, b'indivdwi bħala l-atturi ċentrali, il-muturi u l-benefiċjarji tal-iżvilupp u l-Istati bħala d-detenturi tad-dover bir-responsabbiltà primarja li jirrispettaw, jiproteġu u jissodisfaw id-drittijiet tal-bniedem kollha f'konformità mal-obbligi tagħhom skont id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tfakkar fir-riżerva tagħha dwar l-abbozz ta' strument legalment vinkolanti dwar id-dritt għall-iżvilupp, jew kwalunkwe approċċ li jista' jimmina l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem tal-istati billi jpoġġi d-dritt għall-iżvilupp fuq drittijiet oħra tal-bniedem jew jattribwixxi tali drittijiet lill-istati. L-UE tfakkar ukoll fl-obbligu tal-istati bħala dawk li għandhom id-dmir primarju għar-realizzazzjoni sħiħa tad-drittijiet tal-bniedem kollha. L-UE ser tkompli topponi kwalunkwe proċess prematur jew żbilanċjat, tippromwovi approċċ trasparenti, inklużiv u bbażat fuq il-kunsens, u tinsisti fuq allinjament sħiħ mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkompli timpenja ruħha b'mod kostruttiv f'fora internazzjonali kemm dwar il-proċess kif ukoll dwar is-sustanza mingħajr ma tippreġudika l-pożizzjoni finali tagħha.

52. L-UE ser tkompli żżid l-azzjoni biex tiddefendi d-dritt internazzjonali u tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem fir-rigward tar-**refuġjati, dawk li jfittxu l-ażil, il-persuni spostati internament u l-migranti** kollha, b'mod partikolari d-dritt fundamentali li jfittxu aзіl u l-prinċipju ta' non-refoulement, u b'attenzjoni partikolari għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. L-UE ser tkompli tippromwovi u timplimenta approċċ għall-kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni bbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem. L-UE ser tkompli toffri opportunitajiet għal perkorsi legali għall-migrazzjoni skont il-kompetenzi nazzjonali. L-UE ser tappella lill-Istati kollha biex jipprevjenu u jiġġieldu t-**traffikar ta' persuni u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti**, inkluż fil-qafas tal-Alleanza Globali għall-Għieda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti. L-UE tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tindirizza l-migrazzjoni irregolari u li tiġġieled l-istrumentalizzazzjoni tal-migranti għal finijiet politiċi, b'rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali. L-UE mhi ser tippermetti lill-ebda pajjiż jabbuża mill-valuri tagħha, inkluż id-dritt għall-aзіl.
53. L-UE ser tappella lill-Istati kollha biex jiżguraw li **r-rispons għat-terroriżmu u l-kriminalità organizzata**, inkluż l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni, ikun f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, li jpoġġi d-drittijiet tal-vittmi fiċ-ċentru. Il-għieda kontra t-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti m'għandhiex tikser id-dritt internazzjonali, inklużi d-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, u lanqas ma għandha tiġi strumentalizzata għal dak l-għan.
-